MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Sede Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2024

Appell Inferjuri Numru 101/2023 LM

**Steve Zerafa (K.I. nru. 213776M)**
*('ir-rikorrent')*

***vs.***

**Malta College of Arts, Science & Technology**
*('il-Kulleġġ intimat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dawn huma żewġ appelli, wieħed magħmul b'mod prinċipali mir-rikorrent **Steve Zerafa (K.I. nru. 213776M)** [minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrent'], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa 'l quddiem 'it-Tribunal'], fis-6 ta' Ottubru, 2023 [hawnhekk 'id-deċiżjoni appellata'], u l-ieħor

magħmul b'mod inċidentali mill-intimat **Malta College of Arts, Science & Technology** [minn issa 'l quddiem 'il-Kulleġġ intimat'].

## Fatti

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa ilu impjegat mal-Kulleġġ intimat minn Settembru tal-2001, u llum jokkupa l-kariga ta' *Senior Lecturer* fl-*Institute of Engineering and Transport.* Ir-rikorrent spjega li huwa sar jaf li kollegi tiegħu fl-*Institute of Information and Communication Technology,* li għandhom xogħol u responsabbiltajiet effettivament bħal tiegħu, jitħallsu *bonus* annwali, liema *bonus* jidher li ilu jitħallas lilhom għal diversi snin, u r-rikorrent jgħid li minkejja li hu m'għandu l-ebda dettalji dwaru, dan huwa *bonus* sostanzjali li potenzjalment jista' jammonta għal eluf ta' Euro fis-sena. Qal li ladarba hu u l-kollegi tiegħu huma impjegati tal-Kulleġġ intimat, bl-unika differenza tkun fl-Istitut fejn jaħdmu u minn fejn jagħtu s-servizz tagħhom, u ġaldarba x-xogħol li jagħtu huwa tal-istess valur, għandhom jiġu applikati favur tiegħu l-provvedimenti tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex ma jkunx hemm diskriminazzjoni. Ir-rikorrent spjega li huwa diġà għamel diversi rappreżentazzjonijiet u anki fetaħ *grievance* mal-Istitut intimat*,* iżda dan kien mingħajr eżitu, tant hu hekk li kellu jirrikorri għal dawn il-proċeduri. Permezz tal-proċeduri miftuħa minnu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent talab li l-intimati jiġu ordnati jagħtu d-dettalji kollha tar-rimunerazzjoni tal-impjegati kkonċernati, anki jekk b'mod anonimizzat; li jiġi stabbilit li ma hemm ebda ġustifikazzjoni legalment aċettabbli għat-trattament illegali/diskriminatorju li qiegħed isofri; li jiġi ddikjarat li t-trattament li huwa

qiegħed isofri mhuwiex konformi mal-liġi u/jew huwa diskriminatorju; li jiġu likwidati d-danni subiti minnu; kif ukoll li l-intimati jiġu kkundannati jħallsu tali danni lir-rikorrent.

3. Il-Kulleġġ intimat wieġeb li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu. Spjega li r-rikorrent mhux impjegat fl-Istitut fejn jingħata l-*bonus* imsemmi, u li jeżistu kriterji oġġettivi għall-ħlas ta' dan il-*bonus* li jingħata lill-ħaddiema li jaħdmu fl-*Institute of Information and Communication Technology.* Il-Kulleġġ intimat eċċepixxa wkoll li r-rikorrent ma jissodisfax il-kriterji għall-ħlas ta' dan il-bonus u għalhekk l-ebda ħlas mhu dovut lilu.

**<u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Ottubru, 2023, it-Tribunal iddeċieda li l-ewwel talba tar-rikorrent ġiet sorvolata għaliex l-informazzjoni ngħatat fil-mori; laqa' t-tieni talba tar-rikorrent; laqa' t-tielet talba tar-rikorrent; laqa' r-raba' u l-ħames talba u l-Kulleġġ intimat ġie ordnat iħallas *allowance* ta' €680 fix-xahar lir-rikorrent b'effett mid-data minn meta kien mahtur *Senior Lecturer,* u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"**<u>Konsiderazzjonijiet</u>***
>
> *F'dan il-każ fuq il-fatti hemm qbil.*
>
> *Il-kontestazzjoni hija li r-rikorrent bħala Senior Lecturer fl-MCAST fid-Dipartiment tal-Inġinerija qed jippretendi li għandu jieħu l-istess allowance li jieħdu kull xahar il-Lecturers fl-Istitut tal-Information and Communication Technology. Li għalhekk huwa qed jibbaża l-każ tiegħu fuq diskriminazzjoni u qed jikkontendi li meta paragonat ma'*

*Lecturers fl-ICT Department, huwa mhux qed jirċievi l-allowance li qed jirċievu huma kull xahar.*

*L-MCAST tikkondendi li tali allowance ir-rikorrent mhux intitolat għalih għax ma jissodisfax il-kriterji mitluba ċioe li jkun Lecturer fl-ICT Department u li jkollu l-kwalifiki msemmija a fol. 79 u 80 tal-proċess u li għalhekk mhu qed issir ebda diskriminazzjoni miegħu. Li tali allowance qed tiġi introdotta sabiex iħajru aktar Lecturers jgħallmu dan is-suġġett minħabba l-pjan li kien hemm biex Smart City tkun ICT City.*

*Tali dokumenti jistabbilixxu dan li ġej:*

*IICT Lecturers Top Up Allowance Regulations a fol. 79 et:*

A Lecturer at the Institute of ICT can benefit from the monthly top up allowance if the underneath guidelines are followed:

New staff can apply only affter they complete their one-year probation period.

1. Be in possession of a valid industry certification. A certification is considered valid if it is approved by IICT administration according to the institute and industry needs.
2. An allowance is given in full to those Lecturers who successfully complete a certification path. The employee will be remunerated in part upon successful completion of the first part of the certification which is highlighted as mandatory. The employee is bound to complete the rest of the certification in one year.
3. Valid industry certifications which are accepted by IICT Administration may change from year to year depending on the market needs.
4. Any industry certification expires in a maximum of 3 years. After such date the Lecturer should renew his/her certification or obtain a new certification either in the same filed or another field. Allowance will not be given for any expired certification.

*Il-lista ta'* accepted certifications *hija elenkata a fol. 80 et u li hemm dawk indikati bħala li huma* compulsory *u* 'entitled for half of the allowance'.

*Dwar diskriminazzjoni, kif prospettata fl-artikolu 26 tal-Kap. 452, l-avviżi legali 297 tas-sena 2003 u 461 tas-sena 2004 u d-direttivi tal-Unjoni Ewropea numru 200/42/EC u 2000/78/EC, ġie dejjem deċiż li l-prinċipju tal-parità ta' trattament (like with like). Dan it-Tribunal jagħmel referenza għad-deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali tat-2 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet Mark Muscat vs HSBC Bank Malta (plc) fejn it-Tribunal irrileva li:* "Illi għalhekk dan it-Tribunal sabiex jikkonkludi li kien hemm diskriminazzjoni mar-rikorrent għandu bilfors jikkompara *like with like,* irid isir "eżerċizzju ta' paragun bejn,

almenu, żewġ gruppi ta' fatti jew ċirkostanzi (vide Rose Anne Galea vs l-Onor. Prim Ministru et QK 11 ta' April, 1994) u jekk kienx hemm ksur tal-prinċipju tal-parita ta' trattament (vide Paul Borg vs APS Bank Limited deċiża App. Inf. 26 ta' Marzu, 2010) ċioe jekk kienx hemm impjegati fl-istess grad tar-rikorrent li ġew trattati diversament mir-rikorrent għal dak li jirrigwarda żieda fil-pakkett tiegħu ċioe żieda fil-paga u żieda fil-bonus."

*L-artikolu 26(2) tal-Kap. 452 jelenka meta jkun hemm trattament diskriminatorju:*

għażla jew impjieg ta' persuna li tkun anqas kwalifikata minn persuna tas-sess oppost, ħlasijiet jew kundizzjonijiet ta' impjieg anqas favorevoli; azzjonijiet li bihom il-Prinċipal xjentement jimmaniġġja x-xogħol, iqassam il-biċċiet ta' xogħol jew mod ieħor jirranġa l-kundizzjonijiet tax-xogħol hekk li impjegat ikun assenjat status li manifestament ikun anqas favorevoli minn oħrajn abbażi ta' trattament diskriminatorju.

*Illi għandha ssir distinzjoni bejn diskriminazzjoni diretta u dik indiretta u distinzjoni bejn trattament inġust u diskriminazzjoni. Per eżempju fil-każ The Law Society vs Kamlesh Bahl il-Qorti Ingliża rriteniet li trattament jista' jkun inġust iżda ma jammontax għal diskriminazzjoni. Dan it-Tribunal jaqbel li dan il-prinċipju jgħodd għal Malta wkoll iżda ma jaqbilx li l-lista ta' diskriminazzjoni msemmija fil-liġi Maltija hija waħda esklussiva u huwa tal-fehma li l-liġi tagħna hi aktar wiesgħa mil-liġi tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe trattament diskriminatorju għandu jiġi sanzjonat.*

*Il-Liġi tal-Unjoni Ewropea u kwalunkwe trattament diskriminatorju għandu jiġi sanzjonat.*

*Dan it-Tribunal jirreferi għal deċiżjoni tal-Qorti tal-Unjoni Ewropea tal-Ewwel Istanza li rriteniet* "It is well settled that discrimination involves the application of different rules to comparable situations or the application of the same rule to different situations (see, in particular, Case C-279/93 Finanzamt Koeln-Altstadt v Schumacker [1995] ECR I-225, paragraph 30)".

*U fil-każ Case C-309/97, l-istess Qorti kienet spjegat dan li ġej dwar diskriminazzjoni fil-pagi fuq il-post tax-xogħol:*

"THE COURT,

In order to determine whether different groups of persons who perform seemingly identical tasks but who do not have the same training or professional qualification for the practice of their profession do the same work within the meaning of Article 119 of the Treaty (Articles 117 to 120 of the Treaty have been replaced by Articles

136 EC to 143 EC) or Directive 75/117 on the approximation of the laws of the Member States relating to the application of the principle of equal pay for men and women, it is necessary to ascertain whether, taking into account the nature of the tasks that may be assigned to each group respectively, the training requirements for performance of those tasks and the working conditions under which they are performed, the different groups can be considered to be in a comparable situation.

That is not the case for two groups of persons, such as psychologists and doctors employed as psychotherapists, who have received different professional training and who, because of the different scope of the qualifications resulting from that training, on the basis of which they were recruited, are called on to perform different tasks or duties. Thus the term 'the same work' does not apply, for the purposes of the aforementioned provisions, where the same activities are performed over a considerable length of time by persons the basis of whose qualification to exercise their profession is different."

*Illi huwa dan l-eżerċizzju li dan it-Tribunal irid jagħmel f'dan il-każ ċioe li jara jekk ix-xogħol tar-rikorrent u dak tal-Letturi fl-ICT Department jaqax bħala li huwa* 'the different groups can be considered to be in a comparable situation' *sabiex ikun jista' jasal għad-deċiżjoni dwar jekk ir-rikorrent għandux raġun.*

*Ir-rikorrent jallega li huwa mhux qed jiġi trattat bħal Lecturers fl-istess grad tiegħu li jgħallmu fl-ICT. Huwa Lecturer fid-Dipartiment tal-Inġinerija u li l-allowance li jieħdu huma huwa għandu jeħodha wkoll kemm għax għandu kwalifiki daqshom kif ukoll għax huwa Lecturer bħalhom u jgħallem suġġetti simili għal li jgħallmu huma.*

*Tajjeb jiġi rilevat ukoll li l-ġustifikazzjoni mogħtija mill-MCAST għal tali allowance hija pruvata li saret minħabba esiġenzi organizzattivi u saru in bona fede (vide f'dan is-sens Richard Anthony Matrenza vs Joseph Attard Kingswell nomine Appell Ċivili 3 ta' Frar, 1969). F'din is-sentenza l-Qorti qalet li tali modifikazzjoni meta hekk verament neċessitata basta mhux ukoll f'mansjoni inferjuri għall-grad tiegħu ma tidhirx li tikkostitwixxi ksur tal-prinċipju tal-parità ta' trattament.*

*Illi mill-provi jirriżulta li l-proġett ta' Smart City kif kien maħsub ma rriżultax, ma jistax jingħad għalhekk li tali inċentiv sabiex iħajjru Lecturers fl-ICT Department għad hemm bżonnu.*

*A fol. 102 et jirriżulta li r-rikorrent ġie impjegat bħala Teaching Assistant mill-MCAST fl-20 ta' Settembru, 2003 b'effett mill-24 ta' Settembru, 2003. Ma jirriżultax li l-impjieg tiegħu kien ma' dipartiment partikolari iżda kien mal-kulleġġ intimat. Il-*

*kuntratt kien għal tliet snin li jiġi mġedded awtomatikament għal tliet snin oħra u llum huwa jinsab fuq kuntratt indefinit.*

*Hemm qbil bejn il-partijiet li r-rikorrent illum huwa Senior Lecturer iżda mill-provi ma jirriżultax meta laħaq Senior Lecturer u li jekk meta laħaq tali sejħa kienet saret għad-dipartiment tal-Inġinerija fejn jgħallem ir-rikorrent.*

*A fol. 107 mil-lista ta' Lecturers li jirċievu l-allowance ta' €680 fl-ICT Institute ma jirriżultax xi grad huma, jekk hux Lecturers jew Senior Lecturers.*

*Dan it-Tribunal ma jistax ibierek l-argument tal-MCAST li hija qed tonora l-Cabinet Memo ta' aktar minn 17-il sena ilu, kemm għar-raġunijiet hawn fuq indikati u kif ukoll,* "In its reasoning as to the significance of collective agreements on pay, the Court asserted that the fact that the salaries of the employees concerned had been set by collective agreements did not automatically mean that no wage discrimination had occurred. The existence of pay agreements has to be weighed alongside other factors, though.

***Li għalhekk mill-provi jirriżulta li:***

*Ir-rikorrent huwa impjegat mal-MCAST kif inhuma impjegati l-Letturi tal-ICT Department;*

*Ir-rikorrent huwa Senior Lecturer mal-MCAST kif suppost (għax ebda prova ma saret) li huma impjegati l-lista ta' Letturi a fol. 110;*

*Ir-rikorrent għandu kwalifiki ta' Lettur u suppost għandhom kwalifiki ta' Lettur dawk li jgħallmu fl-ICT Department (suppost għax ebda prova ma saret);*

*Ir-rikorrent ipprova li huwa kapaċi u kwalifikat sabiex jgħallem fl-ICT Department;*

*Li għalhekk huwa jissodisfa l-kriterji kollha li jwasslu lil dan it-Tribunal jasal biex jiddeċiedi li jilqa' t-talba tar-rikorrent u jiddikjara li saret diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu mill-Kulleġġ intimat;*

*Li għalhekk huwa intitolat li jirċievi Euro 680 allowance fix-xahar jew kull allowance li tista' minn żmien għal żmien tingħata lil Letturi fl-istess grad tiegħu fl-ICT Department u dan mid-data li huwa laħaq Senior Lecturer liema data dan it-Tribunal ma għandux għad-dispożizzjoni tiegħu.*

***Għaldaqstant:***

*Rigward l-ewwel talba: din sorvolata stante li tali informazzjoni ngħatat fil-mori.*

*Rigward it-tieni talba: din qed tiġi milqugħa għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.*

*Rigward it-tielet talba: din qed tiġi milqugħa għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.*

*Rigward ir-raba' u l-ħames talba: dawn qed jiġu milqugħa u l-Kulleġġ intimat qed jiġi ordnat iħallas Euro 680 allowance fix-xahar dekorribbli mid-data ta' meta r-rikorrent laħaq Senior Lecturer.*

*Dan it-Tribunal jissolleċita lill-Kulleġġ intimat sabiex isaqsi jekk tali* cabinet memo *għadux fis-seħħ u jekk iva għandux jibqa' fis-seħħ.*

*Għall-finijiet tal-Avviż Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.*

*B'hekk tintemm din il-kwistjoni ta' xogħol."*

## L-Appell

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fis-17 ta' Ottubru, 2023, dan talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni appellata fejn ġie deċiż li kien hemm diskriminazzjoni a skapitu tiegħu. Talab ukoll lill-Qorti tvarja l-ordni dwar il-kumpens, b'dan illi huwa jingħata tali *allowance* b'effett mid-data meta kien maħtur bħala *Lecturer* u mhux minn meta kien maħtur bħala *Senior Lecturer.*

6. Ir-rikorrent spjega li huwa ħassu aggravat għaliex it-Tribunal iddeċieda li l-*allowance* għandha titħallas lilu b'effett mid-data minn meta huwa kien maħtur bħala *Senior Lecturer.* Ir-rikorrent qal li din il-parti tad-deċiżjoni appellata ma tirrifletti l-ebda prova li nġabet u l-ebda eċċezzjoni mogħtija, anzi mill-provi għandu jirriżulta li l-*allowance* titħallas kemm lill-impjegati fil-grad ta' *Lecturer* kif ukoll lil dawk fil-grad ta' *Senior Lecturer.* Qal li fix-xhieda tiegħu Philip Vella, ix-xhud prinċipali tal-Istitut intimat, m'għamel l-ebda distinzjoni bejn iż-żewġ kategoriji, u jirreferi għalihom it-tnejn bħala '*lecturers'.* Qal li

għalhekk id-distinzjoni li saret mit-Tribunal bejn iż-żewġ kategoriji mhijiex rilevanti għall-indaġini li trid issir dwar jekk kienx hemm diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu. Qal li seħħet d-diskriminazzjoni hekk kif huwa ġie maħtur bħala *lecturer* u ma ngħatax l-*allowance* li ngħataw impjegati oħra fl-istess grad, u mhuwiex minnu li l-grad ta' *Senior Lecturer* huwa l-punt tat-tluq għall-ħlas ta' din l-*allowance.* Żied jgħid li l-mod kif ġie ordnat li jitħallas il-kumpens, effettivament ser iwassal għal diskriminazzjoni fil-konfront tiegħu, u d-distinzjoni li ħoloq it-Tribunal hija waħda artifiċjali u ma tirriflettix ir-realtà tas-sitwazzjoni. Ir-rikorrent qal li f'din il-parti tad-deċiżjoni appellata, it-Tribunal kien legalment żbaljat għaliex iddeċieda *ultra* jew *fuori petita,* għaliex lanqas il-Kulleġġ intimat ma talab li ssir l-imsemmija distinzjoni jew ta xi eċċezzjoni f'dan is-sens.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

7. Il-Kulleġġ intimat wieġeb li huwa ħassu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal, u għalhekk qiegħed jipprevalixxi ruħhu mill-appell prinċipali sabiex iressaq l-appell inċidentali tiegħu. Spjega li l-appell prinċipali huwa bbażat fuq interpretazzjoni/konsiderazzjoni u evalwazzjoni tal-provi fir-rigward ta' min għandu jitħallas l-imsemmija *allowance.* Il-Kulleġġ intimat sostna li fil-każ odjern ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni, u għalhekk ma kienx hemm lok li titħallas l-*allowance* lir-rikorrent. Il-Kulleġġ intimat jgħid li t-Tribunal applika l-liġi b'mod żbaljat, għaliex għalkemm ir-rwol li għandu r-rikorrent huwa simili għal dak tal-impjegati l-oħra li huma intitolati għall-*allowance,* il-kwalifiki biex isir ix-xogħol huma differenti. Il-Kulleġġ intimat spjega li t-Tribunal kien żbaljat

meta qal li r-rikorrent għandu l-kwalifiki neċessarji. Spjega li huwa ppreżenta lista tal-kwalifiki neċessarji biex tingħata l-*allowance,* flimkien mal-lista tal-kwalifiki tar-rikorrent, u qal li għandu jirriżulta li r-rikorrent m'għandux il-kwalifiki neċessarji biex jingħata din l-*allowance.* Qal ukoll li r-rikorrent lanqas ma ġab prova ta' dawn il-kwalifiki, u għalhekk ġie kompletament skartat il-prinċipju *onus probandi incumbit ei qui dicit, non ei qui negat,* u kien jinkombi fuq ir-rikorrent li jipprova l-każ tiegħu u li jikkonkretizzah, billi jipproduċi provi idoneji. Il-Kulleġġ intimat qal ukoll li apparti li r-rikorrent m'għandux il-kwalifiki neċessarji, dan lanqas biss ġab prova li huwa applika għal impjieg fl-Istitut tal-ICT, u minkejja li din l-applikazzjoni kienet ser tiġi miċħuda minħabba l-kriterju tal-kwalifiki, tali prova kienet fundamentali sabiex ir-rikorrent jipprova li safa ddiskriminat.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

8. Permezz tar-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tal-Kulleġġ intimat, ir-rikorrent qal li l-appell inċidentali huwa mingħajr mertu legali, għaliex kull ma jagħmel kien li jattakka l-konklużjoni fattwali li wasal għaliha t-Tribunal, u għalhekk l-appell inċidentali ma sarx fuq punt ta' liġi. Ir-rikorrent qal ukoll li l-Kulleġġ intimat mhuwiex jirrispondi għall-appell tiegħu, ħlief biex jgħid li ma kienx hemm diskriminazzjoni, u qal li f'dan l-isfond għalhekk l-Kulleġġ intimat ma jistax jitqies li qiegħed jikkontesta l-validità tal-appell prinċipali għal dak li jirrigwardja l-metodu ta' komputazzjoni tal-pagament li għandu jsir lilu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju mressaq mir-rikorrent fir-rikors tal-appell prinċipali mressaq minnu, kif ukoll l-aggravju mressaq mill-Kulleġġ intimat fl-appell inċidentali tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata, u tas-sottomissjonijiet li għamlu l-partijiet. Imma qabel xejn il-Qorti sejra tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak li ġie eċċepit mir-rikorrent, li l-aggravju sollevat mill-Kulleġġ intimat fl-appell inċidentali tiegħu, huwa dwar il-mertu tal-każ u mhux dwar punt ta' liġi li ddeċieda dwaru t-Tribunal. Il-Qorti tirrileva li t-Tribunal kellu japplika għall-fatti ppreżentati quddiemu, id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, fir-rigward ta' x'jammonta għal trattament diskriminatorju fuq il-post tax-xogħol. Fil-fatt it-Tribunal għamel riferiment għall-artikolu 26 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament għas-sub-inċiż (2) tiegħu, ikkunsidra li dan l-artikolu tal-liġi huwa bbażat fuq il-prinċipju tal-parità tat-trattament, ikkonstata li l-liġi Maltija hija aktar wiesgħa mid-Direttivi Ewropej li jirregolaw l-istess materja, u temm jgħid li r-rikorrent ġie ddiskriminat fuq il-post tax-xogħol tiegħu għaliex huwa ma ngħatax l-*allowance* li qegħdin jieħdu impjegati oħra tal-Kulleġġ intimat, li iżda jaħdmu f'istitut ieħor fi ħdan l-istess Kulleġġ. It-Tribunal qies ukoll li r-rikorrent jissodisfa l-kriterji kollha stipulati fil-liġi abbażi ta' liema kellu jiġi deċiż li saret diskriminazzjoni kontra r-rikorrent. Il-punt in kontestazzjoni għalhekk huwa jekk jistax jitqies li saret diskriminazzjoni mar-rikorrent *ai termini* tal-liġi regolanti din il-materja. It-Tribunal qies ukoll li jkun hemm diskriminazzjoni meta f'post tax-xogħol jiġu applikati regoli differenti għal sitwazzjonijiet

paragunabbli, jew inkella fejn l-istess regoli jiġu applikati għal sitwazzjonijiet differenti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel riferiment għal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Tonio Calleja *vs.* Vitafoam Limited**[1], fejn ingħad illi:

> *"Premessi l-ilmenti tal-appellant u r-risposta tas-soċjetà appellata għalihom, jibda biex jiġi reġistrat, in kontemplazzjoni tal-preġudizzjali preliminari sollevata, illi s-subinċiż (3) tal-artikolu 82 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet jakkorda d-dritt ta' appell lil din il-Qorti mis-sentenza tat-Tribunal "fuq punt ta' liġi". Jiġi osservat li din id-disposizzjoni ma tgħidx ukoll illi l-punt ta' liġi irid ikun deċiż mit-Tribunal fis-sentenza, kif hekk, inversament jagħmlu, ad eżempju, l-artikolu 15(2) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp u l-artikolu 24(b) tal-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri tal-Bini (Kap. 69). Li jfisser, allura, illi kif bosta drabi oħra ritenut u ripetut, "huwa suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta involut jew* impliciter *fid-deċiżjoni in kwantu din tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipji interpretattivi tal-liġi li l-appellant jikkontesta (Kollez. Vol. XL P. I p. 137)."*

10. Din il-Qorti tgħid li hija għandha l-kompetenza meħtieġa biex tindirizza l-aggravji sollevati mill-partijiet, ladarba t-Tribunal ikkonkluda li s-sitwazzjoni odjerna hija waħda li tista' tiġi definita bħala diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrent *ai termini* tal-liġi. Il-Qorti sejra tibda billi tistħarreġ fl-ewwel lok, l-aggravju sollevat mill-Kulleġġ intimat fl-appell inċidentali tiegħu.

*L-Aggravju mressaq mill-Kulleġġ intimat fl-Appell Inċidentali:*

[Id-differenza fit-trattament ma tammontax għal diskriminazzjoni]

11. Il-Kulleġġ intimat jikkontendi li t-Tribunal applika l-liġi b'mod żbaljat, għaliex qies li r-rwoli tal-*lecturers* fl-istitut tal-*Engineering and Transport* u fl-

[1] 15.02.2006 (per. Imħ. Ph. Sciberras).

istitut tal-*Information and Communication Technology* huma simili għal xulxin. It-Tribunal qies ukoll li r-rikorrent għandu l-kwalifiki meħtieġa sabiex jgħallem fl-*Institute of Information and Communication Technology,* u qies ukoll li r-rikorrent jissodisfa l-kriterji kollha sabiex jiġi dikjarat li saret diskriminazzjoni miegħu. Il-Qorti tirrileva li mill-provi irriżulta li r-rekwiżiti biex *lecturer* jgħallem fl-istituti differenti tal-Kulleġġ intimat, ivarjaw minn institut għal ieħor, u l-*allowance* li r-rikorrent qiegħed jippretendi li għandha tingħatalu, mhijiex *allowance* li tingħata lil kull *lecturer* li jaħdem fl-*Institute of Information and Communication Technology,* iżda hija *allowance* li tingħata biss lil dawk il-*lecturers* li jippruvaw li għandhom ċertifikazzjoni valida mill-industrija, li qegħdin isegwu *certification path* mill-industrija, u li jieħdu ħsieb iġeddu ċ-ċertifikazzjoni tagħhom b'mod regolari, kif jirriżulta mil-lista ta' rekwiżiti prodotta mill-Kulleġġ intimat. Il-lista ta' kwalifiki li jintitolaw lil dak li jkun għall-imsemmija *allowance,* ġiet ippreżentata mill-Kulleġġ intimat *a fol.* 80 tal-atti tat-Tribunal Industrijali. Barra minn hekk ir-rikorrent ippreżenta l-lista tal-kwalifiki tiegħu *a fol.* 106 tal-proċess, minn fejn jirriżulta li minkejja li huwa ggradwat u jippossjedi wkoll grad universitarju f'livell *post-graduate,* m'għandu l-ebda waħda miċ-ċertifikazzjonijiet imsemmija biex ikun jista' jingħata l-*allowance* in kwistjoni. Għaldaqstant il-Qorti ma taqbilx mal-konklużjoni tat-Tribunal li fil-każ odjern jirriżulta li kien hemm nuqqas ta' parità fit-trattament li qegħdin jingħataw *lecturers* li jaħdmu f'istituti differenti fi ħdan il-Kulleġġ intimat. Mill-atti jirriżulta li l-*lecturers* li jgħallmu fl-istitut tal-*Information and Communication Technology* għandhom impost fuqhom l-obbligu li jiksbu ċertifikazzjoni skont il-ħtiġijiet tal-industrija, liema ċertifikazzjoni trid tiġi mġedda kull tant żmien, filwaqt li *lecturers* f'istituti oħra tal-istess Kulleġġ

m'għandhomx dan l-obbligu. Dan kollu jinsab spjegat fix-xhieda li tressqu mill-Kulleġġ intimat, u fil-provi dokumentarji esebiti quddiem it-Tribunal. Il-konklużjoni tat-Tribunal li r-rikorrent għandu l-kwalifiki jew il-kompetenzi meħtieġa sabiex jgħallem fl-ICT Department, hija waħda gratuwita, għaliex ma jirriżulta bl-ebda mod li dan huwa l-każ, jew li l-kwalifiki tiegħu huma aġġornati skont il-ħtiġijiet tal-industrija. Il-Qorti tqis għalhekk, illi t-Tribunal ma setax jikkonkludi li saret diskriminazzjoni mar-rikorrent, sempliċiment għaliex persuni oħra fil-grad ta' *lecturer* għandhom *allowance* marbuta ma' kwalifiki rilevanti għall-industrija, li huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jgħallmu suġġetti li huma ta' rilevanza għall-industrija, filwaqt li ħaddiema oħra fl-istess grad fl-istess kulleġġ, m'għandhomx għalfejn ikollhom din iċ-ċertifikazzjoni sabiex ikunu jistgħu jgħallmu s-suġġett tagħhom. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern ma jirriżultax li r-rekwiżiti tal-artikolu 26 tal-Kap. 452 ġew sodisfatti, għaliex il-paragun qiegħed isir bejn *lecturers* li mhumiex f'sitwazzjoni identika, iżda s-sitwazzjoni hija tali fejn fl-Istitut tal-*Information and Communication Technology* il-*lecturers* huma meħtieġa li jkollhom ċertifikazzjoni ta' rilevanza attwali għall-industrija, filwaqt li f'istituti oħra dan mhux meħtieġ, u persuna tista' tokkupa l-grad ta' *Lecturer* jew saħansitra *Senior Lecturer* b'baċellerat jew bi kwalifika ġenerali minn università jew minn istituzzjoni simili. Il-Qorti tqis għalhekk li ma ġiex ippruvat li fil-każ odjern kien hemm id-diskriminazzjoni li qiegħed jilmenta minnha r-rikorrent, u għalhekk filwaqt li l-aggravju mressaq mill-Kulleġġ intimat qiegħed jiġi milqugħ, isegwi li l-aggravju mressaq mir-rikorrent fl-appell prinċipali tiegħu qiegħed jiġi miċħud.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti filwaqt li tilqa' l-aggravju mressaq mill-Kulleġġ intimat fl-appell inċidentali tiegħu, tiċħad l-aggravju mressaq mir-rikorrent fl-appell prinċipali tiegħu, u tiddeċiedi li fil-konfront tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda trattament diskriminatorju kif definit fil-Kap. 452.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tar-rikorrent.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**